MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 466/2015

**Eden Entertainment Limited [C-26701]**

**Vs**

**Executive Services Limited [C-6533]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-4 ta' Gunju, 2015** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elf tmien mija u wiehed u hamsin euro [€1851] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Ammont dovut ghal servizzi ta' reklamar rezi mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta fuq Bay Radio.

Bl-ispejjez tal-presenti u bl-imghax legali b'effett mit-30 ta' Settembru 2014 data ta' l-ahhar fattura sal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta ingunta in subizzjoni"

Ra li s-socjeta intimata giet debitament notifikata skond il-ligi fit-18 ta' Gunju, 2015 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra li Dott. Anthony Cutajar ikkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta intimata.

Ra li Dott. Anthony Cutajar iddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta intimata tas-somma ta' elf tmien mija u wiehed u hamsin euro [€1851] rapprezentanti servizzi ta' reklamar rezi mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta fuq Bay Radio.

Ikkunsidra;

2. Dr. Anthony Cutajar ikkonferma llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, is-socjeta intimata giet debitament notifikata fit-18 ta' Gunju, 2015 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mis-socjeta intimata.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf tmien mija u wiehed u hamsin euro [€1851] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data tat-30 ta' Settembru, 2014, sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha huma a kariku tas-socjeta intimata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------